# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**
**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar Il-Gimgha, 12 ta' Lulju, 2002.**

**Numru 65**

**Citaz. Nru. 2183/00GV/7**

Doc. 282-02

**Carmen Farrugia, Emanuel Farrugia, Benjamin Farrugia, Oscar Farrugia u Martin Farrugia f'isem il-werrieta tad-decujus Joseph Mary Farrugia.**

**vs**

**Rosanna sive Rose Farrugia, Dolores Farrugia u Giovanna Farrugia.**

**Il-Qorti,**

**PRELIMINARI**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess illi b'testment "unica charta" datata d-29 ta' Settembru, 1976 (kopja hawn annessa u mmarkata Dokument "A") kif wkoll bl-aggiunti ghall-istess testment datati l-25 ta' Novembru, 1976 (kopja hawn annessa u mmarkata Dokument "B") u s-16 ta' Frar, 1979 (kopja hawn annessa u mmarkata Dokument "C") Ikoll fl-atti tan-Nutar Dottor Nicola Said, Salvatore u Maria konjugi Farrugia, innominaw lill-kontendenti ahwa Farrugia bhala eredi universali taghhom salv il-prelegati relattivi mhollija favur il-partijiet u dan kif deskritt fit-testment fuq imsemmi ;

Premess illi l-imsemmija Salvatore u Maria konjugi Farrugia mietu rispettivament fit-30 ta' Jannar, 1979 u fis-7 ta' Dicembru, 1990 :

Premess illi nonostante li gew debitament interpellati biex jersqu ghad-divizzjoni tal-wirt tad-decujii Salvatore u Maria konjugi Farrugia skond il-Ligi, il-konvenuti baqghu inadempjenti;

Ghaldaqstant l-atturi talbu lil din il-Qorti:-

1. Tillikwida l-komunjoni ta' l-akkwisti li kienet tezisti bejn Salvatore u Maria konjugi Farrugia billi tiddikjara li tikkonsisti f'dak kollu li jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza ;

2. Taqsam l-assi ereditarji ta' l-istess Salvatore u Maria Farrugia, f'tmien ishma ndaqs prevja okkorendo il-hatra ta' Periti nominati u tassenjhom lill-partijiet ;

3. Tikkundanna lill-istess konvenuti biex fi zmien qasir u perentorju rispettivi li jigi lilhom prefiss jimmettu lill-istanti fil-pussess tal-legati tal-beni lilhom mhollija ;

4. Tordna illi fl-eventwalita' illi l-qsim ta' xi beni komprizi fl-assi ereditarji fuq imsemmija ma jistax jsir, issir il-bejgh in licitazione ta' dawk il-beni;

5. Tappunta Nutar Pubbliku biex jippublika l-att opportun u kuraturi biex jirraprezentaw lill-eventwali kontumaci fuq l-istess att ;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-20 ta' Settembru, 2000 kontra l-konvenuti li jibqgh ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-atturi a fol. 3 tal-process;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Giovanni Farrugia a fol. 21 tal-process fejn eccepixxa:

1. Illi l-eccipjent ma joggezzjonax ghad-divizzjoni tal-wirt salv illi dan isir skond il-ligi.

2. Illi ghaldaqstant l-eccipjent ma ghandux jigi kkundannat ihallas l-ispejjez tal-kawza odjerna.

3. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenuti Rosanna sive Rose Farrugia u Dolores Farrugia a fol. 23 fejn eccepew:

1. Illi m'hemmx oggezzjoni ghat-talbiet attrici salv il-verifiki tar-ricerki nvoluti u l-konsistenza ta' l-assi;

2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-nomina tan-Nutar Pierre Attard a fol. 28 biex jipprepara u jaghmel il-kuntratt bejn il-partijiet.

Rat l-abbozz preparat minn Nutar nominat a fol. 32;

Rat li ghalkemm il-kuntratt kien gie preparat il-konvenuti Rosanne u Dolores Farrugia naqsu li jattendu ghand in-Nutar ghall -pubblikazzjoni tal-att;

Semghet lin-Nutar Pierre Attard bil-gurament;

Rat ir-rikors ta' l-atturi a fol. 48;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Rat li ma saret ebda talba ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza;

**KONSIDERAZZJONIJIET**

In-Nutar Pierre Attard xehed li hu kien prepara abbozz ghall kuntratt u l-partijiet kienu ftehemu u l-kuntratt setgha jigi ffirmat. Hu mexa skond l-ahhar testmenti.

Illi l-konvenuti jidher li qed jaqblu fuq l-abbozz ippreparat minn Nutar.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet attrici u tillikwida l-komunjoni ta' l-akkwisti li kienet tezisti bejn Salvatore u Maria konjugi Farrugia kif hemm indikat fl-abbozz a fol. 32 preparat minn-Nutar Pierre Attard.

Taqsam l-assi ereditarji ta' l-istess Salvatore u Maria Farrugia, fi tmien ishma ndaqs kif indikat fl-istess abbozz;

Tikkundanna lill-istess jimmettu lill-istanti fil-pussess tal-legati tal-beni lilhom mhollija ;

Tordna lin-Nutar Pubbliku Pierre Attard biex jippublika l-att opportun u tinnomina lill Dr. Eroll Cutajar bhala kuratur biex jirraprezenta lill-eventwali kontumaci fuq l-istess att u biex jizbanka d-depoziti bankarji, kemm lokali kif ukoll esteri fl-interess tal-werrieta kollha, jithallsu minnhom il-legali, kif ukoll l-ispejjez u d-drittijiet notarili u jaqsam il-bilanc li fadal bejn l-eredi kollha.

Bl-ispejjez, kulhadd skond is-sehem tieghu fil-wirt.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**DEPUTAT REGISTRATUR**